# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta tat-28 ta' Dicembru 2001

**Fl-atti ta' l-Avviz numru 62/01**

**Joseph Grima**

**-vs-**

**Ino Sacco**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba fejn l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mitejn u tmenin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm280.70) flimkien ma' l-interssi fuq din is-somma minn Novembru 1999 sad-data tal-hlas effettiv. Dan l-ammont hu dovut lill-attur bhala prezz ta' xoghol ta' tpoggija ta' madum fil-bankina u fuq gew in-naha ta' wara imwettaq minnu fuq struzzjonijiet u a beneficcju tal-konvenut f'Novembru 1999.

Ghalkemm interpellat diversi drabi jhallas dan l-ammont, huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Settembru 2001 u ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru 2000.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-avviz u dana peress illi l-kaz in kwestjoni m'huwiex money claim.

2. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija intempestiva perss illi x-xoghol ghadu m'huwiex lest fl-interezza tieghu u fi kwalunkwe kaz ma sarx skond l-arti u s-sengha, kif jirrizulta mill-anness certifikat peritali )Dokumnet A);

3. Illi fil-mertu ukoll il-prezz mitlub huwa esagerat, kif jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Sema' x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-konvenuta inkarikat lill-attur biex jaghmlilha xoghol ta' bajjad, u hallsitu diversi pagamenti huwa u jaghmel ix-xoghol. Imbaghad inkarigatu jaghmlilha wkoll ix-xoghol mertu ta' din il-kawza li ma kienx parti mill-ordni inizjali.

Illi ghalhekk kien hemm zewg appalti, separati u distinti minn xulxin.

Illi l-konvenuta eccepiet li fl-ordni inizijali kien hemm xoghol hazin kif ukoll xoghol mhux komplut, u, apparti dan, fix-xhieda taghha sostniet li kien hemm xi xoghol ta' tqeghid tal-katusi li sar minn terza persuna ghax l-attur ma setax imurilha u sar qbil li l-prezz li hallset lil din it-terza persuna jigi pacut mal-prezz tat-tieni appalt.

Illi b'danakollu, ma giex ikkwantifikat kemm jiswa x-xoghol tat-terza persuna, u ghalhekk dan ma jistax jigi pacut billi, kif inhu maghruf, it-tpacija tista' ssir biss bejn zewg krediti likwidi u dovuti. L-anqas jista' t-tribunal jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenuta rigwardanti x-xoghol hazin, ghax din tikkoncerna, kif inhghad, appalt separate u distint minn dak in kawza. Dwar dan, il-konvenuta setghet ghamlet kontro-talba, jew avviz, izda naqset milli taghmel dan.

Illi l-Perita Anna Maria Attard Montalto, prodotta mill-konvenuta, iccertifikat illi l-valur tax-xoghol mertu ta' din il-kawza jiswa biss LM140.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzoni tal-ewwel eccezzjoni billi din giet irtirata fil-mori tal-kawza, jichad it-tieni eccezzjoni filwaqt li jilqa' t-tielet eccezzjoni u ghalhekk jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz izda limitatament ghas-somma ta' LM140 salvi mghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji u dik ufficcjali, kif ukoll id-drittijiet tal-avukati li ppatrocinaw lill-partijiet kontendenti f'din il-kawza, jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-istess partijiet. Jibqa' impregudikat kwalunkwe dritt ta' azzjoni li l-konvenuta jista' jkollha rigward l-ewwel appalt fuq imsemmi.

(ft.) Grazio Mercieca
Gudikant

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur